MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 320/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**
**Alexander Anthony sive Andy Gialanze Whiteford**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alexander Anthony sive Andy Gialanze Whiteford ta’ 23 sena, iben Alexander Frame Whiteford u Carmen nee’ Gialanze, imwieled l-Ingilterra fid-29 ta’ Novembru, 1982, residenti fil-fond Emily, Triq il-Kuncizzjoni, Hamrun u detentur ta’ karta tal-identita Maltija bin-numru 44501L gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. nhar it-3 ta’ April, 2005 ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar, f’San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ vettura tat-tip Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAN 325 ghad-dannu ta’ Francis Sant, liema serq huwa aggravat

bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAN 325, liema hsara tammonta mhux aktar minn hamsin lira Maltin;

3. U aktar talli fl-istess jum, ghall-habta ta' nofs inhar, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' aparat ta' Hi Fi u oggetti ohra li l-valur taghhom jammonta ghal mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM262.45c) minn hanut bl-isem ta' Brookyln li jinsab fi Triq il-Mosta, f'San Pawl il-Bahar ghad-dannu ta' Alfred Deguara, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

4. U aktar talli fit-3 ta' April, xjentement xtara u/jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccediex l-elf lira Maltin;

5. U aktar talli nhar it-3 ta' April, 2005, f'hinijiet differenti f'San Pawl il-Bahar, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAN 325 minghajr licenzja tas-sewqan;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni;

7. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn Magistrati differenti li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 t' April, 2005 (esebit a fol. 21 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2007 l-imputat wiegeb li ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghar-raba’ (4) imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni, hekk kif registrata waqt l-udjenza tal-25 ta’ Gunju, 2010.

Rat li nonostante li d-Difiza nghatat diversi opportunitaijiet sabiex tressaq il-provi taghha rigward il-piena hija naqset milli taghmel dan u fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru, 2011 il-provi tad-Difiza gew dikjarati bhala maghluqa u l-kawza giet differita ghall-udjenza tal-llum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq u hsara volontarja fuq vettura tal-marka Escort u bin-numru tar-registrazzjoni EAN 325 u serq ta’ diversi oggetti li jinsabu elenkati fid-dokument inserit a fol. 70 u li l-valur taghhom huwa ta’ Lm247.55. L-imputat jinsab ukoll akkuzat li saq l-imsemmi vann minghajr ma’ kellu licenzja tas-sewqan u minghajr ma’ kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghal terzi. Mill-provi rrizulta li l-imputat seraq l-imsemmi vann sabiex ikun jista’ jgorr l-affarijiet li huwa seraq mill-hanut bl-isem ta’ Brooklyn li jinsab fi Triq il-Mosta San Pawl il-Bahar u li huwa inqabad ser jitlaq minn fuq il-post bil-vann minn sid l-istess vann Francis Sant u minn huh Joseph Sant li mbaghad zammew lill-imputat fuq il-post sakemm gew il-Pulizija. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-imsemmija Francis u Joseph Sant li xehdu f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta’ Jannar, 2008 kif ukoll mix-xhieda ta’ PS 1096 (illum Spettur) Edmond Cuschieri li xehed waqt l-udjenza tal-10 ta’ Jannar, 2008 fejn huwa identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien sab fuq il-post mizmum mill-ahwa Joseph u Francis Sant wara li rcieva rapport dwar is-serq tal-vann. Huwa ndika wkoll li kien sab l-

oggetti ndikati fid-dokument a fol. 70 tal-process fil-vann bin-numru tar-registrazzjoni EAN 325 li kien ghadu kemm insteraq mill-imputat.

Il-Qorti jidrilha li l-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi kemm mill-ammissjoni tal-imputat kif ukoll mix-xhieda appena citati. L-istess haga tinghad ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala hamsa (5), sitta (6) u seba' (7) lkoll ammessi mill-imputat fejn il-Prosekuzzjoni gabet il-prova permezz tax-xhieda ta' Christopher Darmanin, ir-rapprezentant tal-Awtorita' Dwar it-Trasport, li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' Frar, 2008 fejn huwa ndika li l-imputat qatt ma' kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk isegwi li huwa ma' kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi. L-addebitu tar-recidiva wkoll gie pruvat stante li gew esebiti s-sentenzi relattivi[1] u saret ukoll id-debita prova tal-identita'.

Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv ghar-raba' (4) imputazzjoni li nghatat bhala altenattiva ghall-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni li l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li ghalkemm jidher li huwa nghata varji opportunitajiet li jirriforma ruhu minn dawn il-Qrati huwa naqas milli jaghmel dan, izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lis-sidien taghha u ghalhekk fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva vicin il-minimum. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li t-tieni (2) imputazzjoni kienet mezz ghall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u ghalhekk applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 265, 267, 271, 325(1)(c), 278, 279(a), 49, 50, 289, 17, 20 u 31

[1] Inseriti a fol. 2 sa 36 tal-atti processwali.

tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru minn meta l-hati jispicca jiskonta l-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija. Stante li r-raba' (4) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) u ghat-tielet (3) imputazzjoni li taghhom l-imputat instab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------